Is-Sittax-il sena. Ottubru-Diċembru, 1946. Għadd 188-190.

# Leħen il-Malti

**MAHRUĠ**

**MILL-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').**

**BIS-SAHHA TAL-MALTI NINGHAQDU**
**BIL-MALTI JINGHAQAD GVERN MALTI.**

X'FIH DAN IL-GHADD:


| | |
|---|---|
| Editorjal | Prof. G. AQUILINA B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.). |
| *Silta mill-"Kummiedja Divina" ta' Dante Alighieri* | LOUIS ELLUL |
| *Bomba Atomika* | M. AGIUS |
| *Il-Kelma* | R.M.B. |
| Haxix Hażin fil-Kitba tal-Malti | Prof. Mgr. P.P. SAYDON, B.L.Can., D.D., Lic.S.Script. |
| *Jum ir-Rebħa* | R. BRIFFA, M.D., B.Sc. |
| Il-Koperniku | G. SÒLER, B.A., LL.D. |
| *Imħabba* | W. GULIA, Ph.C., B.Sc. |
| "Il-Milied" | G. SALIBA |
| Tagħlim mis-Safar | Dun FRANS CAMILLERI |
| Nisel il-Kliem | Prof. G. AQUILINA |
| Reċensjonijiet | G.C.P. G.A. |
| Fuqna u Ma' Dwarna | |

**JEKK GĦADEK MA ĦALLASTX**

Tinsiex tibgħat il-flus tat-tisħib

lill-KAXXIER,

GĦAQDA TAL-MALTI, (Università).

# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

**OTTUBRU-DIĊEMBRU 1946 IS-SITTAX-IL SENA Għadd 188-190.**

# *IL-QARI TAJJEB*

(*Editorjal tal-* Prof. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. [LOND.])

*Vengo a conchiudere che se la lingua non si coltivi non si può mai giungere a coltivar bene la Morale e la Religione sia per libri, sia per istruzione.*

(M. A. Vassalli: *Lexicon*, 1796.)

*KONT għadni student fl-aħjar tiegħi nitgħaxxaq bil-lezzjonijiet tal-Professur tat-Taljan, Dr. V. Laurenza, meta f'waħda minn dawn il-lezzjonijiet laqtitni ħafna silta meħuda mill-*Convivio *ta' Dante li dan il-Professur kien qed ifissrilna b'dak il-għaqal u l-għerf li ma kenux neqsin fih. Daqs kemm għoġbitni din is-silta jiena minnufih għamilt il-ħsieb li naqlibha fi lsienna, u hekk għamilt għax ġibtha fil-*Leħen il-Malti *ta' Nov.-Diċembru, 1934.*

*F'din is-silta Dante, li kien qiegħed jikteb id-*Divina Commedia *b'ilsien il-poplu, jiġifieri bit-Taljan, li dik il-ħabta kienu għadhom isejħulu* il volgare *jew l-ilsien ta' l-imsieraħ, bħalma ħafna Maltin sa ftit żmien ilu kienu jsejħu 'l ilsien art twelidna "ilsien tal-qaddejja", ċanfar bil-qawwa kollha lil dawk il-boloh li ħaduha miegħu għax ma kitebx id-*Divina Commedia *bil-Latin, f'dik l-ħabta magħruf mad-dinja kollha bħala lsien il-għorrief. Fost ħwejjeġ oħra dawn il-boloh kienu qalu lil Dante li ma jistax ikun li* il volgare *jasal biex ifisser ħsebijiet għoljin li l-kittieb jista' jilħaqhom bil-Latin biss. U Dante weġibhom li mhux tassew li* il volgare *ma kienx għodda qawwija u sabiħa biżżejjed biex tista' taqta' u tonqox il-ħsebijiet sbieħ, imma kienu huma li ma kellhomx il-ħila, l-għerf u l-għaqal jinqdew bl-għodda tajjeb, u għalhekk bħalma l-ħaddiem, nieqes mis-sengħa, iwaħħal fil-għodda biex ma jeħilx hu bil-ħtija tax-xogħol ħażin, hekk ukoll dawn*

*l-uħud kienu jwaħħlu fil-*volgare *biex ma jeħlux huma bil-ħtija ta' ħsebijiet imfissra ħażin għax mingħajr sengħa. U ż-żmien wera li s-sewwa kien ma' Dante, il-lum l-akbar kolonna tal-ġieħ Taljan. U ġara li minn dak iż-żmien 'il hawn ħafna kittieba għorrief u letterati mxew wara l-atar tiegħu u għanew il-Letteratura Taljana b'qari tajjeb u mill-aħjar. Fost dawn insemmu kittieba reliġjużi bħal Santa Katarina ta' Siena* (1347-1378). *Fra Jacopo Passavanti* (?-1357), *San Bernardino da Siena* (1380-?), *biex ma nsemmix magħhom kittieba magħrufa mad-dinja kollha, bħal San Franġisk t'Assisi u Fra Jacopone da Todi li mietu qabel Dante.*

*Mhux fl-Italja biss ġrat din iċ-ċaħda ta' lsien il-poplu, imma sa fl-istess Ingilterra u Franza. Tabilħaqq, f'ħafna artijiet ilsien il-poplu kien mirkub jew mill-ilsien tal-ħakkiema tiegħu jew inkella mill-ilsien ta' art b'koltura akbar. Minn ta' l-ewwel insemmu l-Polonja, il-Gżejjer Faroe u t-Trentino, u minn tat-tieni nsemmu l-istess Russja, fejn flok bir-Russu l-klassi kolta kienet titħaddet bil-Franċiż, u l-Ungerija fejn sal-1825 il-lingwa uffiċjali kienet il-Latin. Bħalma f'dawn il-pajjiżi u f'oħrajn kien is-sentiment nazzjonali, imħeġġeġ mill-ġieħ u l-imħabba ta' art twelidhom, li farrak il-ktajjen tal-jasar barrani, hekk ukoll kien u jibqa' l-ġieħ u l-imħabba ta' art twelidna li farrak il-jasar ta' kull ilsien ieħor barrani fil-gżejjer tagħna. Kif jidher minn kitba ta' Mons. A. Mifsud fl-*Archivum Melitense (*Vol. III, March-May, 1918, p. 109), li ġibidli l-attenzjoni għaliha s-sur Ġ. Cassar Pullicino, il-poplu, meta ma kienx ikun imxewwex mill-pulitka, ried u talab il-Malti fil-Ħakma u fil-Knisja. Fl-1555 il-Kunsill Popolari għażel lil Mons. Baldassare Cagliares bħala Isqof għax kien jaf bil-Malti, fil-waqt li l-Kanoniċi u l-Kleru ma ridux li n-neputi ta' l-Isqof Cocco Palmieri jkun magħżul bħala Vigarju ta' Malta għax ma kienx jaf bil-Malti, bħalma fl-1480 u fl-1535 ma ridux li l-Kappillani tal-Kattidral ikunu Sqallin li ma jitħaddtux bil-Malti.*

*Ma' ħsieb jixbah lil dak ta' Dante rġajt iltqajt m'ilnix meta dan l-aħħar kont qiegħed naqra silta proża mill-ktieb* Los Nombres de Cristo *ta' Fray Luis de Leon* (1527-1591), *magħruf ħafna fil-Letteratura Spanjola. Bħalma Dante kien mit-Taljani ta' żmienu mċanfar għax ma kitebx bil-Latin, hekk ukoll ħafna żmien wara Fray Luis de Leon kien imċanfar minn xi Spanjoli ta' żmienu għax ma kitebx ix-xogħlijiet tiegħu bil-Latin. Kemm*

*hu tassew li m'hawn xejn ġdid fid-dinja! Billi dak li wieġeb Fray Luis lill-maqdara tiegħu jgħodd ħafna għal dawk li jmaqdru lill-Malti, sa naqleb b'ilsienna hawnhekk id-difiża tiegħu favur il-Kastiljan, difiża li hu kiteb fid-daħla tat-tielet ktieb ta' l-opra tiegħu li semmejna.*

*"Lil dawk li jgħidu li ma jaqrawx il-kotba tiegħi għax miktubin bl-Ispanjol* (en romance)*," jistqarr dan it-teologu, "u li kienu jaqrawhom kieku kienu bil-Latin, inweġibhom li l-ebda ġid ma tafhilhom il-lingwa la darba huma joborgħdu kull ma jinkiteb biha waqt li kienu jaqrawh kieku kien miktub b'ilsien ieħor. U ma nafx x'iġagħlhom joborgħdu l-ilsien tagħhom daqshekk, il-għaliex dan ma jistħoqqlux, u lanqas huma ma jafu bil-Latin hekk tajjeb li ma jafux iżjed bl-ilsien tagħhom, jafuh ftit kemm jafuh, għaliex kull ftit li jafu minnu huwa ħafna. U dawn huma dawk l-uħud li jgħidu li jiena ma nitkellimx bl-Ispanjol għax ma nitkellmux bla ħsieb u kif ġie ġie, u għaliex il-kliem inqiegħdhom fl-ordni u naħsibhom u nagħtihom il-post li ħaqqhom. Għax jidhrilhom li biex titkellem bl-Ispanjol trid titkellmu kif jitkellmu l-poplu barx; u ma jafux li mhix ħaġa ta' kulħadd tkun taf titkellem sewwa mingħajr xogħol u għaqal kbir sew f'dak li jingħad kif ukoll kif tfissru, xogħol li wieħed għandu jagħmel biex mill-kliem kollu li ngħidu jagħżel dawk li l-aktar jaqblu, josserva l-ħoss tagħhom u sa xi drabi jgħodd l-ittri, jiżinhom u jqishom u jgħaqqadhom biex dawna jfissru dak li rridu ngħidu mhux biss bid-dieher imma wkoll bl-armonija u bil-ħlewwa. U jekk huma jgħidu li dan l-istil mhux ħobż għal ħalq in-nies ta' skola żgħira, għandhom jifhmu li hekk kif in-nies ta' skola żgħira* (los simples) *għandhom il-gosti tagħhom hekk ukoll l-għorrief u n-nies serji u n-nies minnhom infishom irżina, ma jinxteħtux sewwa għal xogħol li jsir ħażin u kif ġie ġie; u għandhom jistqarru li aħna għandna nieħdu ħsieb ta' dawn u l-aktar nett fix-xogħlijiet li huma magħmulin għalihom biss bħalma huma dawn il-kotba. U jekk qatt huma jgħidu li din hija ħaġa ġdida, jien nistqarr li hi ġdida u triq mhix miftuħa għal dawk li jiktbu dan l-ilsien, li jiktbuh bil-ħlewwa tar-ritmu u hekk jerfgħuh mit-taħsir li jinsab fih. Jien nixtieq niftaħ din it-triq mhux għaliex għandi rasi hekk merfugħa bija nnifsi li naħseb li nista' nasal biex nagħmel dan bis-setgħat dgħajfa tiegħi, iżda biex dawk li għandhom il-ħila meħtieġa mil-lum il quddiem jitħajru jittrattaw aħjar l-ilsien tagħhom bħalma kittieba għorrief u oraturi ta' l-imgħoddi li x-xogħlijiet tagħhom għadhom*

*magħrufa wara ħafna sekli, ittrattaw l-ilsna tagħhom; u biex dak li għad jonqos f'ilsienna jagħmlu daqs ilsna aħjar minnu illi filfehma tiegħi, hu jgħaddihom f'ħafna ħwejjeġ tajba oħra."*

*Fray Luis, bħal San Ċirillu u San Demetrju, li daħħlu blgħoġba tal-Papa l-Islavoniku fil-Liturġija tal-Knisja, kellu jilqa' t-tmaqdir ta' ħafna min-nies ta' żmienu għalkemm qablu kienu ġà kitbu bl-Ispanjol għall-ġid tar-ruħ Patri Avila u Patri Granada, il-għaliex dawn il-maqdara kienu jaħsbu li l-ebda lsien mhu xieraq għall-kitba tat-teoloġija ħlief il-Latin. U kif qal il-kommentatur tas-silta li semmejt "hi fehma qadima fi Spanja li lsien art twelidna u la jistħoqq u lanqas jeħtieġ ħsieb u xogħol; Juan de Valdes igerger minn dawk li jħarsu lejn l-Ispanjol bi tmaqdir kbir, u ma jeħdux ħsiebu. U Ambrosio de Morales, fl-1546 kiteb: "L-ilsien tagħna dejjem baqa' miżmum lura u fqir bħal qabel imħabba t-tmaqdir li n-nies ta' pajjiżna żammewh fih, u ħtija ta' hekk qatt ma ħabbewh jew għenuh" (1).*

*Minn dan naraw kemm, xi mitejn sena wara, M. A. Vassalli kellu għax jikteb u jwiddeb li ma tistax il-Knisja f'Malta tlibbes il-Kelma t'Alla dik il-libsa li jistħoqqilha qabel ma jibda t-tagħlim ta' lsien il-poplu. Vassalli, milqut mill-għera ta' qari tajjeb fi żmienu, kiteb li "A chi non conosce la ragione sembra strano che in un paese dove la Religione Cattolica è tanto antica, ben culta e mantenuta, non vi abbia da essere neppur un libro che tratti di Religione, di Morale, di doveri Cristiani, di altri insegnamenti utili e necessari, come un catechismo, un libro di devozione... Noi non abbiamo tali libri nè si potranno avere se prima non coltiveremo la nostra lingua". Imħabba dan it-tmaqdir li fih kien jinżamm l-Ilsien Malti ġara li għal ħafna snin il-letteratura reliġjuża tagħna kienet mill-ifqar. Fl-1750 il-Kanonku Għawdxi Gio Pietru Francesco Agius de Soldanis, fit-tieni dissertazzjoni tal-grammatika tiegħu* Lingua Punica *(Ruma, 1750) kiteb: "Conosco molti eccellenti predicatori maltesi i quali, volendo predicare il Vangelo di Cristo, formano e scrivono le prediche in nostra favella, ma dopo la lor morte, per disgrazia dei posteri, ogni fatica non sarebbe possibile il leggerle se non da chi le scrisse." U l-lum, li minn dak iż-żmien 'il hawn għaddew mal-mitejn sena, kemm-il prietka bil-Malti nkitbet biex, bħall-prietki ta' Patri Segneri fl-Italja u ta' Bossuet fi Franza u ta' Father Faber fl-In-*

---

(1) **Ramon Menendez Pidal: Antologia De Prosistas Españoles— Tercera Edicion, Argentina, 1943, p. 128.**

*gilterra, jibqgħu pulptu ħaj għal ta' warajna? Ftit tabilħaqq, u l-ħtija li l-Kelma miktuba t'Alla ħalliet ħsad hekk ċkejken warajha ġejja minn dawk in-nies li, għar-regħba tal-frugħa jew tas-setgħa, ġrew wara lsien il-barranin u rmew wara daharhom ilsien il-kotra Maltija. Bluha kbira kienet ma tagħrafx li l-Kelma t'Alla miktuba xieraq hija pulptu ħaj għal sa wara mewt il-predikatur, għax kif igħid il-Malti "Il-miktub mhux maħrub", waqt li l-kelma, bħan-nifs tal-ħalq, ittir u tintemm fix-xejn.*

*Hekk kif għedt li l-Kleru bħala korp ħallielna wirt tassew żgħir tal-Lsien Malti, madankollu, biex inkun għabbart il-kefef tal-miżien tal-ħaqq sewwa, irrid infakkar li mbagħad il-Knisja hawn Malta dejjem inqdiet, u ma setgħetx ma tinqediex, b'ilsien il-poplu sew fit-tagħlim tal-Katekiżmu kif ukoll minn fuq il-pulpti. Tabilħaqq, ħafna mill-kliem li għadna ngħidu fid-Duttrina l-lum ġej mill-Katekiżmu tal-qassis Malti Fco. Wzzino* Tagħlim Nisrani (*1752*), *li sar fuq ieħor bil-Malti* Il-Ktieb tad-Duttrina Nisranija, *stampat Ruma madwar l-1570* (1). *Ma' dawn insemmu wkoll id-*Duttrina *ta' l-Isqof Labini.*

*Għalkemm il-kleru, ħtija ta' l-ambjent u tat-tradizzjonijiet kurjali li ħallew f'Malta l-ekkleżjastiċi Sqallin, bħala korp ma għaddiex ilsien il-poplu 'l quddiem bil-kitba, madankollu ħafna huma dawk il-qassisin li ħadu, u qegħdin jieħdu, sehem mill-akbar fil-bini ta' lsien art twelidna, tibda mill-Kanonku De Soldanis li kien l-ewwel Malti li kiteb l-ewwel grammatka u l-ewwel dizzjunarju ta' lsienna, u tasal sa żmienna, fejn fost kittieba magħrufa nsibu lil Mons. Dun Karm Psaila, il-Professur P. P. Saydon, il-Professur A. Ċuschieri O.C., il-Professur P. Tabone, O.F.M., Revd. Ġ. Delia S.J., Dun Frans Camilleri, Patri Wistin Born O.P., Patri Valentin Barbara O.P., Patri Akkursju Xerri O.F.M., l-ex-Vigarju ta' l-Isqof Mons. Galea u oħrajn.*

*Dawn l-ismijiet il-lum iqawwu l-qalb ta' dawk li jixxennqu l-qawma u l-fidwa ta' lsien art twelidna. Bħal issa għandi quddiemi għadd sabiħ ta' kotba maħruġin mill-*Għaqda ta' Qari Tajjeb, *Għaqda mħeġġa minn qassisin żgħażagħ imtellgħin f'ambjent Malti, mimlijin bil-ħeġġa tat-tagħlim li fiż-żmenijiet imqallba tagħna hu s-sur qawwi li jilqa' l-ħalel tat-tagħlim mgħawweġ li dieħel fil-gżejjer tagħna minn kull naħa. Nifraħ b'din il-ġabra mhux għax f'xi kitba m'hemmx xi tgħid dwar l-għażla tal-kliem*

---

(1) Ara "Tagħrif fuq il-Kitba Maltija," 1924, p. XI.

*jew stil, imma għax il-ġabra ta' kotba, li s'issa laħqet mat-300,000 kopja, fetħet it-triq, biex intennu l-ħsieb ta' Fray Luis, għal dawk li għandhom il-ħila u l-istudju biżżejjed biex biż-żmien joħolqu l-klassiċi reliġjużi.*

*Lil dawn iż-żgħażagħ kittieba, li x'uħud minnhom nafhom bħala studenti sħabi, oħrajn iżgħar bħala studenti tiegħi jew ħbiebi, ma nistax ma nagħmlilhomx il-qalb biex itemmu sat-tarf tagħha t-triq li fetħu. Jien irrid inħares aktar 'il quddiem, irrid ingħodd għaxra, għoxrin, tletin sena oħra u nitgħaxxaq b'dik li kienet u għadha l-ħolma tiegħi, il-ħsad tal-miżirgħa, l-inwar tas-siġar imħawwla fil-Qasam t'Alla. Irrid nitgħaxxaq bil-ġonna li għad iżejnu l-Gżira ta' San Pawl, ġonna ta' klassiċi reliġjużi, għall-faraġ tad-djar Maltin u Għawdxin, kotba tar-ruħ maħruġin minn qalb u moħħ Maltin, jew klassiċi reliġjużi ta' ilsna oħra maqlubin fil-Malti bħalma Patri Valentin Barbara beda jaqleb f'ilsienna l-*Qrariet *ta' Santu Wistin u Preca l-*Kempis. *Nitgħaxxaq b'librerija Maltija li naraha tiżdied quddiem għajnejja mżejna bil-qdusija li xxettlet f'artijiet Kattoliċi, bil-kitbiet ta' Santa Tereża ta' Ġesù u San Juan de la Cruz fi Spanja; il-*Fjuretti *ta' San Franġisk t'Assisi u l-*Mera tal-Penitenza *ta' Fra Jacopo Passavanti fl-Italja, u ħafna oħrajn u oħrajn li għalkemm Alla dawwal id-dinja mudlama bil-qdusija tal-kitba tagħhom, baqgħu mhux magħrufa min-nies tar-rħula tagħna, dawk l-erwieħ twajba li għadhom jimlew il-knejjes mhux nhar ta' Ħadd biss imma ta' kuljum. Min jista' jmaqdarna jekk nixtiequ dan il-ġid kollu lil Malta? U min jista' jraqqad il-ħeġġa tagħna għax qegħdin nifirħu naraw il-kittieba tal-qari tajjeb jifthu wieħed wara l-ieħor il-bibien magħluqa tal-għerf qaddis miktub biex jixtered fost kulħadd, u mela fost il-poplu tagħna wkoll? Għalhekk hu tassew f'waqtu l-ferħ tagħna meta naraw li qiegħda tmut ta' kuljum il-fehma mqarrqa ta' dawk l-uħud li minn għalihom la s-sentiment ikun qaddis ma jimpurtax jekk il-kelma li jitfisser bih tkunx ċerċura jew dendula li flok devozzjoni tqajjem id-daħk, u flok il-qima t-tmaqdir, u hekk tagħti għodda f'idejn l-egħdewwa li jduru fuqna u jgħajruna: "Ara l-Knisja tagħkom kemm tikkuntenta ruħha bil-ftit u kemm hi bierda għat-tagħlim u kemm tfixkel ilsien il-ħaddiem!"*

*Ma' dawn iż-żgħażagħ qassisin, żerriegħa ta' ħmiemel ġodda, ma nistgħux ma nfaħħrux lis-Sur Fons Marija Galea u 'l dawk il-kittieba kollha, x'uħud minnhom qassisin ukoll, bħal Pa-*

*tri Manwel Magri S.J., Dun Xand Cortis, l-Isqof Camilleri ta' Għawdex, Dun Ġużepp Farrugia, Dun Alwiġ Galea, u Dun Mabb Sisner, li meta l-Malti kien għadu mmaqdar u mċewlaħ, ħarġu* l-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien, *dik is-sensiela ta' 150 ktieb li tiswa mitqilha deheb, kotba li, kif tafu intom, kienu jxerrdu t-tagħlim it-tajjeb, u b'Malti mill-aħjar fost il-Maltin u l-Għawdxin. Ta' min ifaħħar ukoll lil Patri A. Busuttil S.J., li qed jagħmel mill-aħjar biex ixerred it-tagħlim Nisrani dwar ħaddiema u xogħol u kustjonijiet oħra tal-lum, u hekk jisfa' għall-ħaddiema Maltin li ma jafux b'ilsna oħra, l-imgħallem tat-tagħlim Nisrani. U ma' dawn oħrajn li l-kelma tagħhom tista' tkun iżjed qawwija u aktar żgura minn ħajja twila jekk kemm-il darba tkun maħduma fil-forġa tas-sengħa.*

*Nagħlaq dil-kitba tiegħi billi nħeġġeġ lill-qarrejja tal-Malti jixtru, jaqraw u ma ngħidx iżommu imma jxerrdu l-kotba maħruġin mill-*Għaqda ta' Qari Tajjeb. *B'daqshekk huma jkunu qegħdin jagħmlu propaganda mhux lis-saltna tad-dlamijiet li hi s-saltna tad-dinja, imma lis-saltna tad-dawl li f'kull żmien u f'kull art libbset il-kelma t'Alla, it-tagħlim tas-Sewwa, dik il-libsa li jixirqilha l-isbaħ u l-ifjen, ta' lsien il-poplu miktub sabiħ u qawwi.*

---

## NIFIRHU

Il-Kumitat u membri tal-*Għaqda tal-Malti* (Università) jifirħu lill-Prof. Mgr. P. P. Saydon għall-ġieh li dan l-aħħar ingħatalu mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, li għażlu bħala Kamrier Segriet. Ġieh xieraq lil wieħed mill-qassisin l-iktar studjużi tal-Knisja f'Malta.

# *SILTA MILL-"KUMMIEDJA DIVINA" TA' DANTE ALIGHIERI*

## IL-ĠRAJJA TAL-KONTI UGOLINO

**(L-INFERN: Kanti, XXXII v. 124-139 u XXXIII v. 1-90)**

**DAĦLA.** — Dante, imsieħeb mill-mexxej tiegħu Virġilju, kien qiegħed iżur id-disa' ċirku ta' l-Infern. Hu kien jinsab fuq bħajra nġazzata, imsejħa Koċitu, li kienet imdewda b'erwieħ mitlufa, imdeffsin sa għonqhom fiha, hekk li minn barra wieħed ma kienx jista' jilmaħ ħlief irjus. Kienu għadhom kemm temmu laqgħa ma' wieħed mitluf, meta tibda l-ġrajja li sejrin insemmu.

*(L-INFERN: Kanti,* XXXII *v. 124-139 u* XXXIII *v. 1-90)*

Konn'ilna li tlaqnieh dak il-mitluf,
X'ħin nilmaħ tnejn ġo ħofra, hekk inġazzati,
Li r-ras ta' wieħed kienet għata għal l-oħra.
U kif tibilgħu l-ħobż, minħabba l-ġuħ,
Hekk il-fuqan kien snienu jħaddem fl-ieħor
Hemm fejn il-moħħ igħaqqad miegħu l-għonq.
M'hux b'anqas saħna Tidew darba qaxxar
L-ingħas ta' Menalippu, mfawwar bl-għadab,
Minn dan li kien igerrem il-qorriegħa.
"Int, li bl-imġiba ta' ħruxija fuqek,
Turi mibegħda għal min qiegħed tgiddem;
Għidli l-għaliex", qbiżt ngħidlu, "bi ftehim,
Li jekk qiegħed titniehed għax jistħoqqlok,
Kif inkun naf min int u l-ħtija tiegħu,
Nerġa' naqbeż għalik fid-dinja l-oħra,
Jekk dan li bih nitkellem ma jinxifx."

U l-midneb għolla ħalqu 'l fuq minn dik
L-ikla ta' bhima, mesaħ minnu x-xagħ'r
Tar-ras, li kien ħassarha mill-warrani,
U beda jgħid: "Int tridni mela ntenni
Il-weġgħa mingħajr jies, li tifni 'l qalbi,
Bl-anqas ħsieb biss, qabel ma mmur nikxifha.

'Ma 'jekk dil-ġrajja għandha tkun żerriegħa,
Li tnissel għajb fuq il-qarrieq ta' taħti,
Ser tisma' u tara kliem u dmugħ flimkien.
Jiena ma nafx min int, lanqas kif stajt
Tinżel hawn isfel; imma Fjorentin
Tidher tassew, meta nisimgħek tħaqqaq.
Kun af jien kont il-konti Ugolino
U l-arċisqof Ruggieri dan ta' fejni:
Ingħarrfek issa għax ninsab ħdejh daqshekk.
Kif, bil-ħżunija u l-qerq ta' ħsebijietu,
Qgħadt fuq il-kelma tiegħu, biex inqbadt
U wara kont maqtul, m'hemmx għalfejn ngħidlek.
'Ma dak li, naħseb jien, ma stajtx tkun tafu,
Kemm kienet, jiġifieri, ħarxa mewti,
Infehmek, ħalli tara ħaqarnix.
Toqba ċkejkuna ġewwa l-qafas tiegħi,
Li l-laqam qala' minn tal-ġuħ għalija
U għadu jkun meħtieġ għall-qfil t'oħrajn,
Kienet urietni, mill-ftuħ tagħha għal barra,
Mhux darba l-qamar, meta ħolma kerha
Niżlet tqatta' l-istar tal-ġejjien tiegħi.
Hu deh'rli fiha bħala sid u mgħallem,
Li qed ibarri l-libb u l-frieħ lejn l-għolja,
Li taħbi 'l Lukka mill-għajnejn Piżana,
Bi klieb irqaq, xammiema u fuqanin.
Gwalandi, ma' Sismondi u Lanfranki,
Qiegħed minn ta' quddiem għal dit-tbarrija.
Wara ġiri qasir, rajthom għajew
Il-missier u l-ulied u bi snien jaqtgħu
Stħajjilt il-kliem iċċarrat lil laħamhom.
Kif l-għada kelli nqum qabel is-sebħ,
Smajt 'l uliedi, li kelli msakkra miegħi,
Jibku fir-rqad u jittalbuni l-ħobż.
—Iebes tassew, jekk għad m'intix tingħafas,
X'ħin tagħraf dak li kien jeħber lil qalbi;
U jekk m'intx tibki, biex imdorri tibki?—
Kienu mqajmin u riesaq kien il-ħin,
Li jitwasslilna l-ikel għall-għixien;
U, mħabba l-ħolma, konna lkoll imħassba.
Smajthom isammru, mbagħad, il-bieb ta' taħt

Tat-torri li jkexkixni; u, bla tajt x'jifhmu,
Harist lejn wiċċ it-tfal, biex nieħu ħsiebhom.
Jiena ma bkejtx: ibbist daqshekk minn ġewwa!
Iżd'huma kienu jibku, u ż-żgħir Anselmu
Tiegħi qalli: "Dik ħarstek, pa! X'qed tħoss?"
Ukoll, ma ħriġt xejn dmugħ, lanqas tweġiba
Ma tajt tul dak il-jum u l-lejl ta' wara,
Sakemm ix-xemx ħarġet mill-ġdid fid-dinja.
'Ma kif merżuq ħafif daħal idawwal
Il-ħabs tat-tbatijiet u lmaħt, imherwel,
Minn erba' wċuh ix-xbieha tiegħi nnifsi,
Giddimt bil-qsim ta' qalb idejja t-tnejn.
U huma, minn għalihom ridt nitrejjaq,
Qamu malajr mnejn kienu mixħutin
U "Missier", għajtu, "inħossu uġigħ anqas,
Jekk taqbad tiekol minna: inti laħħamt
Dawn l-iġsma msejkna, inti, jistħoqq, tqaxxarhom."
Hedejt għalhekk, biex aktar ma jweġġgħux.
Dal-jum u l-ieħor bqajna siekta lkoll.
—Eħħ! art ħażina, għax ma nftaħtx u blajtna?—
Mar-raba' jum, imbagħ'd, li konna fih,
Gaddu nxteħet għal mejjet ġo saqajja
U qal: "Missier, għajnuna għalija m'hemmx?"
Hawnhekk ta l-aħħar nifs. Kif qed tarani,
Hekk rajt lit-tlieta l'oħra jaqgħu mejta,
Wieħed wieħed, mal-ħames u s-sitt jum.
Nieqes mid-dawl, tajtha li nteftef qalbhom;
Għaddew jumejn u kont għadni nsejħilhom!
'Ma l-ġuħ, fl-aħħar, deh'r aqwa mill-uġigħ."
Kif kien temm dawn il-kliem, b'għajnejh imgħawġa,
Qabad mill-ġdid bi snienu r-ras imsejkna,
Li daħlu fl-għadam b'saħħa daqs ta' kelb.

Ah! Piża, nieqa t'għajb għall-ġnus imgħaddba
Tal-pajjiż sbejjaħ fejn tinstema' s-Sì,
La l-bliet ta' qribek rotob biex jgħakksuk,
Ha tqum Kaprara ma' Gorgona għalik;
U jxekklu, it-tnejn flimkien, l-Arnu minn ħalqha,
Hekk li din tgħarraq fik lil kull maħluq.
Għax jekk il-konti Ugolino nxela

Li qarraq bik, għax reħa kien xi braġ,
Ma kienx imissek taħqar hekk 'l uliedu.
Kien ħelishom mill-ħtija ż-żmien żagħżugħ,
Żagħżugħa Tebe, lil Brigata u 'l Ugo
U t-tnejn l-oħra, li ssemmi 'l fuq il-għanja.

Louis. Ellul.

---

## BOMBA ATOMIKA

Lil Maurice Gambin, li kiteb fuqha
f'*Leħen il-Malti* 182-184.

" Inferior powers — I was going to say
" infernal powers — plotted an inverse ex-
" perience for mankind." (*Henri Bergson*).

*Bomba tal-għaġeb, wild din l-aħħar gwerra,*
*Sultana kbira ta' tiġrif u dnewwa:*
*Int b'għerf u ħila kemm ukoll bil-ħerra*
*Tfarrakt fuq min le ried is-sliem bis-sewwa.*

*Bomba qawwija int ta' qirda kbira,*
*Kif juri fdal l-ilbliet ta' Hiroshima*
*U Nagasaki. F'dinja ġa wisq fqira,*
*Mill-ħena u sliem, ħadd ma jagħtik tislima!*

*Bomba tal-biża', kullimkien magħrufa*
*Għas-setgħa tiegħek fost il-ġnus kotrana:*
*Tħallix qawwietek tkun f'theddid mitlufa,*
*Jew għodda fost xi ġnus għall-ġlied għatxana!*

*Bomba atomika, inti ġa misħuta*
*Jekk tkun darb'oħra fuq in-nies mixħuta!*

Villa Lija. M. Agius.

# IL-KELMA

*Kien ġa wasal biex imut*
*Negozjant, li kien marid.*
*"Ftakar l' inti għandek tmur*
*Quddiem Alla, tiegħek Sid!*
*Minn did-dinja, aqta' 'l-jies...*
*Fittex rodd ħwejjeġ in-nies"...*
*Qallu hekk l-ewwel qassis;*
*Iżda l-għani baqgħet rasu*
*Jiebsa iżjed mill-ħadid!*
*Il-qassis rah mhemmx li jdur,*
*Telaq, qal: Aħjar immur!...*

*Qassis ieħor ġie malajr:*
*—"Hawn negozju li fih ħajr?—*
*"Kemm Alla għandu ġid fuq ġid!*
*"Tibdel l-għana ta' did-dinja*
*"Illi qatt m'għamel nies hienja...*
*"Jogħġbok, għidli, dal-partit?..."*
*Il-marid hawn qam u għola:*
*Qallu: "Sieħeb, hekk irrid!!"*

*Biex trażżan it-tawru,*
*Trid torbtu mill-qrun.*
*Biex bniedem iddawru,*
*Mhux għaref trid tkun!*
Għax asaħħ il-għaqal
Minn għerf Salamun.

R.M.B.

# HAXIX ĦAŻIN FIL-KITBA TAL-MALTI

*Tal*-Professur Mgr. P. P. Saydon

GĦALKEMM il-Malti, bħall-ilsna kollha ħajjin, jikber dejjem u jitbiddel biż-żjieda ta' kliem barrani u ta' tifsir ġdid u ta' regoli ġodda ta' sintassi, jaħtieġ li dan l-element ġdid jieħu r-ruħ u l-ħajja tal-lsien Malti, isir biċċa waħda miegħu u mhux jibqa' bħala ħaġa barranija, imwaħħla li aktarx tkerrah milli żżejjen il-Malti. Igħaddu s-snin u dak il-kliem jew dak it-tifsir ma jkunx jista' iżjed jinqata' mill-Malti u jibqa' bħala xhieda ta' nuqqas ta' għaqal ta' żmenijiet imgħoddija. Hawn sa nsemmi xi ftit minn dal kliem, tifsir u regoli ġodda li bħal ħaxix ħażin qegħdin jixterdu u jħassru l-kitba ta' l-aħjar kittieba.

*Wettaq.* Dal-verb daħal iż-żejjed fejn ma jesgħux. Naqraw f'kotba u gazzetti sentenzi bħal dawn: *Il-għadu wettaq qerda kbira*, jew *wettaq ħedma ta' qerda. Wettaq il-ħolma* jew *ix-xewqa tiegħu. Wettaq dmiru.* Jiġifieri l-verb *wettaq* qiegħed jintuża fis-sens u bit-tifsira ta' "*to perform*". Din it-tifsira u la jagħtiha Vassalli, u la Falzon u l-anqas Caruana, li flokha jagħtu t-tifsira "*saħħaħ, qawwa*". Din it-tifsira nsibuha fid-*Duttrina* ta' l-Isqof Labini kif konna nitgħallmuha fi żmieni u qabel. Għall-mistoqsija: "Iddew għidli s-Sagrament tal-Griżma x'jagħmel fir-ruħ?" it-tweġiba hi: "Ikattar il-grazzja u jwettaq il-bniedem biex b'qalb kbira u bla biża' jistqarr il-Fidi ta' Kristu." Din it-tifsira taqbel ukoll ma' nisel il-kelma. Fil-Għarbi *wattaq* (jew aħjar *waththaq*) ifisser "raffermir, consolider" (Belot). Minn dan il-verb ħriġna verb ieħor li ma jinsabx fil-Għarbi: *taq, ituq*. Ngħidu: "L-ikel xejn ma jtuqni" jiġifieri: ma nħossux igħinni, jagħti saħħa.

Eżempji ta' kif għandu jintuża l-verb *wettaq*: Wettaq kliemu b'ħalfa. Il-gazzetti ħarġu l-aħbar li aktarx ġej il-Prim Ministru Ingliż Malta, imma l-aħbar għadha mhix imwettqa. Qabel it-taqbida l-ġeneral wettaq is-suldati bi kliem imħeġġeġ. Ix-xhieda kollha wettqu dak li kien qal.

*Għoti* : Nom verbali tal-verb dgħajjef u nieqes *għata(j)* imqassar f'*ta*. Il-verbi ta' dil-klassi li jibdew b'*ħ* jew *għ* jew *q* jieħdu l-vokali *a* fl-ewwel sillaba tan-nom verbali, hekk ingħidu *qari* minn *qara*, *qali* minn *qela*, *qadi* minn *qeda*, *ħami* minn *ħema*, *ħabi* minn *ħeba*, *għawi* minn *għewa*, *għali* minn *għela*. Din il-vokali hi mitluba mill-konsonanti *ħ*, *għ*, *q* li jħobbu jkollhom magħhom il-vokali *a*. Mela l-verb *għata* għandu jagħti bħala nom verbali *għati* mhux *għoti*. Hekk jiktbu Vassalli, Falzon u Caruana, għalkemm Vassalli jagħti wkoll il-pronunzja tar-raħal *għoti*. Li n-nom verbali hu *għati* mhux *għoti* jidher ukoll minn dan li n-"nomen unitatis" hu *għatja* u mhux *għotja*. Mela kif tbiddlet *għati* f'*għoti*? It-tibdila saret hekk: Il-vokali *a* bil-konsonanti *għ* qabilha tieħu leħen ta' vokali twila, u għalhekk *għati* tinħass qisha *ati*. Il-vokali *a* twila f'xi rħula tieħu l-ħoss ta' *o*, hekk *mar* tinstama' *mor*, u *ħmar* tinstama' *ħmor*. U aktarx li hekk *għati* saret *għoti*, u saret hekk l-ewwel fir-rħula u mir-rħula daħlet fil-kitba. Imma n-nies ta' l-ibliet għadhom ma daħħluhiex fit-taħdit. Min daħħalha l-ewwel fil-kitba ma nafux, imma aktarx li kien Vassalli stess li ħallat il-pronunzja tar-raħal tiegħu mal-pronunzja ta' l-ibliet u kiteb *għati* u *għoti* fil-Lexicon u *għoti* biss fil-Grammatika (1827 .faċċ. 66). Il-kelma *għoti* nsibuha wkoll fit-traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid stampata fis-sena 1847 u fit-traduzzjoni tal-"Book of Common Prayer" stampata fis-sena 1845. Imbagħad jidher li l-kelma mietet u reġgħet qamet mill-mewt għall-ħajja dawn l-aħħar snin. Bħal *għoti* daħlet fil-kitba u fit-taħdit il-kelma *għoli* bħala nom verbali u bħala aġġettiv. Imma *għoli* ġejja minn *għola* li jieħu l-vokali *o* fit-tiswir kollu tiegħu; *jogħla*, *għolla*, *għolja*. L-istorja ta' *għoli* ma tixbahx lill-istorja ta' *għoti*, u għalhekk il-kitba *għoli* ma tagħtina l-ebda jedd li niktbu *għoti*. Il-kelma *għoti* hi mibnija ħażin u aħjar inneħħuha għal kollox u niktbu flokha *għati* qabel ma trabbi l-għeruq u ma nkunux nistgħu naqilgħuha.

Il-Passiv bil-verb *ġie* : Drawwa li rabbiet għeruq ħoxnin fil-kitba u fit-taħdit hi dik li nagħmlu l-passiv bil-verb *ġie*. Hekk ngħidu u niktbu *ġie maqtul* flok *kien maqtul*. Did-drawwa ħadnieha mit-Taljan li jgħid *venne ucciso* flimkien ma' *fu ucciso*. Jagħmel ħażin min fil-kitba letterarja tal-Malti jinqeda b'dil-kostruzzjoni mqar meta jista' jgħaddi mingħajrha. U fuq dan ir-ridu nisħqu kemm nifilħu għax xi kittieba donnhom għadhom ma fehmux li dil-kostruzzjoni xejn ma tagħmel sabiħ fil-Malti.

L-agħar imbagħad meta ma' din il-kostruzzjoni barranija nżidu kostruzzjoni oħra barranija wkoll meta l-verb passiv ikollu l-oġġett; hekk issib min jikteb : *it-tifel ġie mogħti* (jew kien *mogħti*) *l-isem ta' Ġanni. Għeluq is-sena mindu Malta ġiet mogħtija l-George Cross. Ġejt irregalat ktieb sabiħ.* Din hi kitba ħażina li jeħtieġ tinqata' għal kollox

---

## JUM IR-REBĦA

*Intemm il-ġenn tal-ġlied.*
*Fuq l-art mid-demm xebgħana*
*ħambqet setgħana*
*l-għanja tar-Rebħ,*
*b'wegħda ta' sebħ*
*minn fomm il-bniedem —*
*qattiel qatt niedem.*

*Mara ħosbiena*
*b'toqol l-hemm għajjiena*
*lejn xbieha tad-"Duluri"*
*tressaq dieqha*
*u lfieqha.*
*"Haduhuli*
*biċċruhuli,*

*qatluhuli,*
*issa waħdi, waħdi, b'xejn!"*
*Beraq ta' lwien minn logħob in-nar*
*dawwal id-dar*
*u wera tal-Madonna d-dmugħ*
*fuq il-għajnejn.*

14.8.45. R. Briffa.

# IL-KOPERNIKU

*(jorbot ma' "Leħen il-Malti" Nru. 185-187)*

IR-RABA' XENA.

*Koperniku u x-Xemx*

K. Eċċellenza.

X. Aħfirli, Koperniku, jekk ma ntikx fuqhiex toqgħod bilqiegħda: hawn ma għandniex drawwa ta' siġġijiet. Iżda dak li għandna nagħmlu nagħmluh malajr. Inti ġa smajt x'irridek minn għand il-qaddejja tiegħi. Jiena min-naħa tiegħi, minn dak li t-tfajla tarrfitli fuqek, insib li inti tajjeb wisq biex nirnexxu f'dak li qed infittxu.

K. Sinjur, f'dan ix-xogħol nara twegħir kbir.

X. It-twegħir ma għandux ibeżża' bniedem tax-xorta tiegħek. Aktarx, kif jingħad, iżid il-qalb lill-qalbieni. Iżda x'inhu, fl-aħħar minn l-aħħar, dan it-twegħir?

K. L-ewwelnett, kbira kemm hija kbira s-setgħa tal-filosofija, ma nistax ngħid li hija hekk qawwija li tħajjar lill-Art tiġri minflok ma titgħażżen fil-għana, u tibda titħabat minflok ma tagħmel xejn; aktar u aktar f'dawn iż-żmenijiet, li mhumiex iż-żmenijiet ta' l-eroj.

X. Jekk ma jirnexxilekx tħajjarha, ikollok iġġiegħlha.

K. Kont nagħmlu, Eċċellenza, bil-qalb kieku kont xi Erkoli jew għall-anqas xi Orlandu: u mhux Kanonku ta' Varmia.

X. Dan x'għandu x'jaqsam? Ma jsemmux matematku taż-żmien l-imgħoddi, li kien igħid li, kieku seta' jkun li jiġi mogħti lilu mkien fejn joqgħod barra mid-dinja, kellu tama qawwija li jerfa' s-sema u l-art? Inti m'intix sejjer tħarrek is-sema u tinsab 'l hemm mill-Art. Għalhekk, ġaladarba m'intix anqas minn dak ir-raġel tal-qedem, ma jistax jonqos li ma għandekx ħila ċċaqlaq l-Art, trid din jew ma tridx.

K. Għażiż sidi, dan jista' jsir: tkun iżda meħtieġa qaltiegħa hekk twila li mhux biss jiena imma wkoll l-Eċċellenza tiegħek, bl-għana tiegħek kollu, ma għandhiex biżżejjed x'jagħmel tajjeb għan-nefqa tal-materjal meħtieġ u għax-xogħol tagħha. Toqol aqwa huwa dan li sejjer issa nfissirlek: aktarx hija għoqda ta' twegħir. Sal-lum l-Art żammet dejjem l-ewwel siġġu tad-dinja, jiġifieri n-nofs; u, kif taf, billi hija baqgħet bla tiċċaqlaq u bla ebda xogħol ieħor ħlief li tħares madwarha, il-globi l-oħra kollha ta' l-univers, l-akbar xejn anqas miż-żgħar,

dejjem intelqu jitgerbu madwarha minn fuq u minn isfel u mill-ġenb il-ħin kollu b'għaġġla, b'għaġeb u b'ġenn ta' bluha liema bħalha. U hekk il-ħolqien kollu kien juri li ħidmitu kienet biss li jaqdiha u donnu li d-dinja kollha kemm hi kienet tixbah lid-Dar is-Sultan, fejn l-Art tidher bħal fuq tron u l-globi l-oħra madwarha bħal wenniesa, bħal għassiesa u bħal qaddejja, iħabirku min f'xi xogħol u min f'ieħor. Għalhekk l-Art dejjem għoddot ruħha b'li hija s-sultana tad-dinja; u tabilħaqq, jekk huwa hekk kif kien dejjem fl-imgħoddi, ma jistax jingħad li kienet taħseb ħażin; jiena aktarx ma niċħadx li dak il-ħass tagħha kien fuq sisien tajba. X'ingħid imbagħad dwar il-bnedmin? Li, fil-ħin li konna ngħoddu ruħna (kif ngħoddu ruħna għal dejjem) minn ta' l-ewwel u aktar minn ta' l-ewwel fost il-ħolqien ta' l-art, kull wieħed minna, ukoll jekk imlibbes b'ilbies fqajjar u ma għandux l-anqas loqma ħobż iebes x'igerrem, kien iħoss ruħu għalenija li huwa sultan, mhux le ta' Kostantinopli jew tal-Ġermanja jew ta' nofs l-art, bħal ma kienu s-slaten, iżda sultan ta' l-univers; sultan tax-xemx, tal-pjaneti, tal-kwiekeb kollha li jidhru u li ma jidhrux; u bidu u tmiem tal-kwiekeb, tal-pjaneti, ta' l-Eċċellenza tiegħek u ta' kollu kemm hu l-ħolqien. Jekk aħna issa rridu li l-Art titħarrek u titlaq min-nofs fejn tinsab, jekk jirnexxilna li hija tiġina, titmiegħek, tilheġ bla heda, li tagħmel dak biss, xejn anqas u xejn aktar, li sal-lum għamlu l-globi l-oħra; f'kelma waħda, li hija tkun tingħadd mal-pjaneti, dan iġib miegħu li l-majestà ta' l-Art, u l-majjestajiet l-oħra, il-bnedmin, ikollhom ibattlu t-tron, u jħallu s-saltna, filwaqt li madankollu jibqgħu bil-faqar tagħhom u bin-niket tagħhom, li mhumiex ftit.

X. Fejn irid jasal b'dan il-kliem kollu l-għażiż Don Nikola tiegħi? Tiġihx xi reqqa jekk dan l-għamil huwa xi ħtija kbira b'deni tas-Sultan?

K. Le, Eċċellenza; għaliex la l-kodiċi, la d-digest, u l-anqas il-kotba tal-ħaqq tal-bniedem u dak tas-saltniet, u l-anqas dak tal-ġnus u tan-natura ma jsemmu din il-ħtija, sa fejn niftakar jiena. Biss irrid infisser li l-għamil ma jkunx hekk ħafif u materjali, kif jidher li jkun ma' l-ewwel daqqa ta' għajn; u dak li jiġri wara ma jolqotx biss lill-fiżika; u billi jaqleb it-tarġiet tal-ħwejjeġ iġib ukoll taqbida mill-aktar kbira fil-metafiżika, kif ukoll f'dak kollu li jmiss il-qasma spekulativa tal-għerf. Minn dan jisfa' li l-bnedmin, jekk ikunu jafu jew iridu jitħaddtu

bid-deħen, isibu ruħhom ma jaqblu xejn ma' dak li kienu sal-lum jew li stħajlu lilhom infushom li huma.

X. Ibni, dawn il-ħwejjeġ xejn ma jbeżżgħuni; daqs kemm għandi qima lejn il-metafiżika, għandi lejn il-fiżika, l-alkimja u n-negromanzija. U l-bnedmin ikollhom jagħmlu wiċċ tajjeb għal dak li huma, u jekk dan ma jogħġobhomx, jibdew jaħsbu bil-maqlub u jitbaqbqu b'inkejja d-deħen tal-ħwejjeġ, kif jistgħu jagħmlu bl-akbar ħeffa; u b'hekk jibqgħu jżommu ruħhom b'dak li jridu, jew bàrunijiet jew duki jew slaten jew xi ħaġa akbar kif jixtiequ: huma jissallbu, u lili b'dawn il-fehmiet tagħhom ma jagħtunix l-iċken għali.

K. Ħallina, Eċċellenza, mill-bnedmin u mill-Art. Iżen f'moħħok dak li jkollu jsir mill-pjaneti l-oħra. Dawn meta jaraw l-Art tagħmel kull ma qegħdin jagħmlu huma u li saret waħda minnhom, ma jkunux iridu jibqgħu hekk nieqsa u bla żina, hekk mitluqa u mnikkta, kif dejjem kienu sal-lum, waqt li l-Art weħidha tkun imżejna; ikunu iżda jridu huma wkoll ix-xmajjar, l-ibħra, l-għoljiet u s-siġar u, fost ħwejjeġ oħra, l-annimali u n-nies, billi ma jagħirfux il-għaliex għandhom ikunu f'xi ħaġa anqas mill-Art. Din tkun tassew taqliba oħra wisq kbira fid-dinja, u kotra bla għadd ta' familji u ġnus ġodda, dlonk jitfaċċaw minn kull naħa qishom faqqiegħ.

X. U inti ħallihom jiġu, u jiġu kemm ikunu jridu: id-dawl u s-sħana tiegħi jkunu biżżejjed għalihom kollha, mingħajr ma nżid fin-nefqa, u d-dinja jkollha biex titmagħhom, tlibbishom, tagħtihom kenn, timxi magħhom bil-wisa', bla ma tiddejjen.

K. Jekk iżda l-Eċċellenza tiegħek taħseb ftit aktar 'il ġewwa, tara tinħoloq taħwida oħra. Il-kwiekeb, fil-ħin li jaraw lilek mistrieħa, mhux le fuq maqgħad, iżda fuq tron, u li tinsab imdawwar b'din is-sabiħa qorti u b'dawn il-gzuz ta' pjaneti, mhux biss ikunu jridu huma wkoll jieqfu u jistrieħu, iżda wkoll isaltnu; u min isaltan, irid ikollu fuq min isaltan. Kull waħda minnhom tkun trid il-pjaneti tagħha, kull waħda tagħha għaliha biss, kif għandek int. U jkun meħtieġ li dawn il-pjaneti ġodda jkunu mgħammra u mżejna bħall-Art. M'iniex sejjer inkellmek kif l-imsejken ġens tal-bnedmin, li qabel il-lum safa' ftit aktar minn xejn quddiem id-dinja weħidha, f'liema qagħda jara ruħu meta jitwieldu eluf ta' dinjiet oħra hekk li ma jkunx hemm l-anqas l-iżgħar kewkba fit-triq tas-sema li ma jkollhiex id-dinja tagħha. 'Ma jekk niżen biss il-ġid tiegħek, ngħid li s'issa inti kont, jekk mhux l-ewwel, tabilħaqq it-tieni, jiġifieri wara l-Art,

u ma kellek lil ħadd daqshekk billi l-kwiekeb ma kellhomx il-wiċċ jiddaqqsu miegħek. Fil-qagħda ġdida ta' l-univers ikun hemm bosta daqsek, u l-għadd tagħhom ikunu kemm ikunu l-kwiekeb bid-dinjiet tagħhom. Dan juri li l-bidla li biħsiebna nagħmlu tkun tabilħaqq ta' ħsara lil ġiehek.

X. Ma għandikx tifkira ta' dak li qal Ċesri tagħkom waqt li kien jaqsam l-Alpi u bla ħsieb għadda qrib ir-raħal ta' xi Barbari msejkna: li kien jogħġbu iżjed li jkun l-ewwel qalb dawk ir-raħħala milli t-tieni ġewwa Ruma? U jiena nagħżel aktar inkun l-ewwel f'din id-dinja tagħna milli t-tieni fl-univers. M'hijiex le l-kburija li ġġigħelni nixtieq nibdel il-qagħda tal-lum tal-ħwejjeġ: biss ix-xewqa tas-serħan, jew biex ingħid aħjar, l-għażż. Tabilħaqq li jkun hemm min huwa daqsi jew le u li nkun fl-ewwel jew fl-aħħar imkien lili ma jistmerrx wisq; għaliex, bil-maqlub ta' Ċiċerun, għandi qima akbar lejn is-serħan milli lejn il-ġieh.

K. Dan is-serħan, Eċċellenza, jiena min-naħa tiegħi nħabrek biex niksibhulek. Iżda nibża', ukoll jekk jirnexxi l-ħsieb, li ma jdumx għal żmien twil. L-ewwelnett, aktarx li ma jgħaddux bosta snin meta tkun imġiegħel tmur iddur 'l hawn u 'l hinn bħal taljola tal-bir jew bħal ħaġra tal-mitħna, mingħajr ma tibdel qagħdtek. Aktar, għandi xi ħsieb li fl-aħħar ukoll fit-tmiem ta' żmieni ftit jew wisq twil, ikun jaqbillek ukoll terġa' tibda tiġri, ma ngħidx madwar l-Art. Dan kollu, iżda, fejn jiswielek? Jista' jkun li dak it-tidwir li jkollok tagħmel tinqeda bih biex mill-ġdid terġa' timxi. Għidt biżżejjed, isir dak li jrid: b'inkejja ta' kull diqa u xkiel ieħor, jekk inti żżomm iebes fil-fehma tiegħek, jiena nara kif naqdik; biex jekk din il-ħaġa ma tirnexxilix, ma taħsibx li ma stajtx u ma tgħidx li jiena bniedem ta' ftit ħila.

X. Kollox sewwa, għażiż Koperniku: ara kif tagħmel.

K. Baqagħli nsemmi ħaġ'oħra biss.

X. Liema?

K. Li jiena ma nixtieqx, għal dan l-għamil, niġi maħruq ħaj, bħall-Feniċi: għax jekk jaħbatli dan, ma nerġax għall-ħajja mill-ġranet ta' ġismi kif jagħmel dak l-għasfur u ma narax aktar minn dik is-siegħa 'l quddiem wiċċ l-Eċċellenza tiegħek.

X. Ismagħni, Koperniku: inti taf li fiż-żmien li intom il-filosofi kontu għadkom ma twelidtux, fiż-żmien li l-poeżija kienet qabel kollox, jiena kont profeta. Irrid għalhekk li tħallini issa nħabbar għall-aħħar darba u, b'tifkira ta' dik il-qadima

setgħa tiegħi, inti tagħtini widen. Ngħidlek mela li jista' jkun li lil xi wħud ta' warajk, li jħaddmu dak li inti tkun għamilt, tmiss xi samta, jew xi ħaġa oħra bħal din. Iżda inti, imħabba din il-biċċa xogħol iebsa, sa fejn nista' nkun naf jiena, ma tbati xejn. Jekk trid aktar isserraħ moħħok, ħu l-parir tiegħi: il-ktieb li tikteb dwar din il-ħidma iddedikah lill-Papa. B'hekk, inwegħdek li l-anqas biss titlef il-Kanonikat.

Ġ. Soler.

---

## IMHABBA

*'Il b'għod fuq ix-xtajta tal-baħar,*
*Fejn il-mewġa li tħaxwex sabiħ*
*F'dawl il-qamar li jilma fiddieni,*
*Fil-ħdun artab tar-reżħa w ir-riħ;*

*Bid-daħka li tfaqqa' qawwija,*
*Taħt il-ħarsa ta' l-isbaħ għajnejn,*
*Imkebbin, żoroq, żoroq, fil-ħlewwa,*
*Qishom kwiekeb li jfeġġu tnejn, tnejn;*

*Bis-saħħa mibruma ma' l-isdra,*
*Xuxa safra mitluqa biex tfur*
*Ma' kull żiffa ta' ġwienaħ l-agħsafar,*
*Ma' kull fewġa bi fwieħet il-fjur;*

*Iż-żgħażagħ mimlija bil-ħajja,*
*Fuq ix-xtajta jilagħbu qegħdin;*
*Taħt il-bewsa tal-qamar, u... l-fjuri,*
*Għors il-ħajja fis-sakra għaddejjin...*

*M'hawnx il-hemm li fil-qalb jaf jissawwar,*
*Jew it-telqa tal-ħsieb li titrabba,*
*M'hawnx niket, m'hawnx għali u dwejjaq,*
*Għax interrqu qegħdin ma' l-"imħabba"!*

*L-imħabba sabiħa bħall-anġli*
*Qisha l-fwieħa tal-ġilju u l-plejju,*
*Meta jiftaħ lubien b'ħarsa għajjiena,*
*Fl-iljieli imkewkba ta' Mejju.*

*L-imħabba jien nafha bħal sħaba,*
*Ratba, ratba, imbażżgħa, waħdiena,*
*Li titressaq mal-qamar, u tbusu,*
*W imbagħad tgħib ġewwa d-dalma ħemdiena;*

*Jew taħraq bħal ġamra li issa*
*Tfiġġ u togħla u tikber u ssir,*
*Raġġ li jdawwal id-dalma waħxija,*
*Raġġ li jsaħħan lill-għani u 'l fqir;*

*Jew siekta bħal vjola li tistħi,*
*Taħt is-satra tan-nida leqqien,*
*W għax magħluqa, moħbija, mistura,*
*Tagħti l-fwejjaħ li jsaħħru kull ġnien.*

*Iżda ż-żgħażagħ mimlija bil-"ħajja",*
*—dik il-ħajja li ngħixu kull jum,*
*dik il-ħajja li tiekol u tixrob,*
*dik il-ħajja li tifraħ sa ddum—*

*Ma tafhiex din l-imħabba mistura,*
*Li bħall-għasel li l-friefet issib,*
*Ma tafhiex, ma tħobbhiex, le ma tqimha:*
*Tħobb il-fawra tas-siegħa: u ġġib*

*'Il bogħod fuq ix-xtajta tal-baħar,*
*Fejn il-mewġa li tħaxwex sabiħ,*
*Tmiem l-imħabba, u s-sliema, u l-ħlewwa,*
*Għalkemm jidħku l-uċuħ ma' kull riħ:*

*Għax l-imħabba m'hiex żienja w imkasbra,*
*Mill-għajnejn li jintelqu bla qies:*
*Iżda safja bħan-nida tal-warda,*
*U nadifa bħal werqet is-sies.*

WALLACE GULIA.

# "IL-MILIED"

*Studju ta'* GUIDO SALIBA

MILTON jaħseb qabel kollox bħala poeta klassiku. Fit-twelid ta' Ġesù hu jilmaħ is-sbuħija tan-natura bil-fenomeni kollha tagħha. Hu jara 'l Kristu, Sultan tas-Slaten, li għandu l-ħila jsaħħar mhux biss lill-bniedem imma wkoll 'l univers innifsu—lin-natura—u jarah rebbieħ fuq l-allat ta' Ruma, Greċja, Sirja u Eġittu. Hu jarah iwaqqaf twemmin ġdid, Saltna ġdida fuq il-ħajja u l-imġiba tal-bniedem. Bħala poeta hu jieqaf jitgħaxxaq jissemma lid-daqq saħħari bil-ħlewwa tiegħu ta' l-anġli. Jilmaħ lix-xemx, kwiekeb, baħar, riħ, u għasafar jagħtu qima lill-Iben ta' Alla.

Milton hu l-poeta li jgħanni l-ġmiel kull fejn jinstab u juri tajjeb l-għerf klassiku tiegħu li ma jħallihx ma jitgħaxxaqx bis-sbuħija tal-paganiżmu, hekk li waqt li jsemmi l-waqgħa ta' l-allat hu juri li jrid inissel fil-qarrej simpatija għalihom. Hu l-poeta ta' l-immaġinazzjoni li jpinġi s-Sema bil-glorja kollha tagħha.

Cuschieri hu qabel kollox qassis li jixtieq iħalli lill-Muża tal-lirika ddawwallu moħħu, imma l-hemm tad-dinja fi gwerra ssewwidlu qalbu u minnflok igħallem lill-bniedem għaliex m'għandux jaqta' qalbu imma jitlob il-ħniena t'Alla li żgur jaħfirlu dnubietu —imbagħad ikun jista' jerġa' jibda jsaltan is-sliem. Cuschieri ma jintilifx igħanni fuq is-sbuħija tan-natura u l-majistà tal-kori u ta' l-Anġli. Hu jagħmilha ta' bniedem prattiku, u bħala qaddej t'Alla juri l-frugħat u l-bluha tal-bniedem biex jerġa' jressqu fi ħdan Alla.

Milton fl-odi tiegħu, li kienet waħda mill-ewwel xogħol tiegħu u kienet għalih bħala tħejjija għax-xogħol iktar brillanti, wera ċar it-tagħlim tiegħu fil-mitoloġija klassika u tal-Bibbja. Din l-odi hi waħda mill-isbaħ fil-Letteratura Ingliża fit-taqsima tal-ħolqien ta' poeżija bl-ismijiet.

F'"Il-Milied" ta' Cuschieri nsibu waħda mill-isbaħ ġawhar tal-Letteratura Maltija. Fiha wieħed isib il-filosofija Nisranija mqabbla mal-filosofija ħażina u pagana, jew aħjar wera l-kuntrast bejn il-waħda u l-oħra. Fiha siltiet mill-Bibbja li qegħdin minsuġin hekk tajjeb fil-poeżija tiegħu li mhux la kemm tinduna

li mhumiex ħsebijiet oriġinali tal-poeta. Imbagħad l-isbaħ tagħha, jekk tbarri t-talba mħeġġa, sinċiera u ħelwa li l-poeta jagħmel lill-Madonna, hu li għalkemm ma' l-ewwel qari taħseb li hi poeżija ta' ftit ħsieb, ta' xeħta superfiċjali, wara li terġa' taqraha u taħseb ftit, tintebaħ bil-kobor u għoli ta ħsibijiet, tintebaħ bid-deskrizzjonijiet moħbija li malli tilmaħhom tarahom igħaddu minn quddiem il-għajnejn qishom xbihat ħajja.

Fuq kollox, din il-poeżija tħallilek it-togħma tas-sinċerità u t-twemmin qawwi tal-poeta fil-ħaqq u s-sewwa t'Alla u l-mogħdrija u ħniena tal-Madonna.

Dawn iż-żewġ poeżiji huma tassew mera tal-persunalità ta' l-awturi tagħhom. John Milton kien bniedem klassiku u tista' tgħid li għex bil-klassiċiżmu fil-waqt li l-Prof. A. Cuschieri juri li hu filosofu u fuq kollox patri.

Milton jibda l-innu billi jgħid li n-natura libset il-mantell tas-Silġ għax stħat u beżgħet :—

*"...that her Maker's eyes*
*Should look so near upon her foul deformities."*

Cuschieri jibda biex igħid li fil-Milied hemm rabta bejn is-Sema u l-art.

*"Donnhom lejn l-art iħarsu mistagħġbin*
*bi ġmielha l-kwiekeb, u donnha l-art tħares*
*'il fuq titgħaxxaq bik, ja dawl tas-Sema."*

Imma hu, sogħbien bil-hemm tad-dinja, ma jistax igħanni ferrieħi għax kif jistqarr.

*"Ma l-kelma minn fommi toħroġli bid-dmugħ"*

minħabba n-niket li jitnissel min-nuqqas ta' ftehim bejn il-bnedmin.

Mhux hekk Milton li jwiddeb l-odi tiegħu

*"Oh, run, prevent them with thy humble ode."*

Dan irid ifaħħar qabel kulħadd saħansitra qabel is-Slaten Maġi, il-miġja fid-dinja ta' Dak li ġieb miegħu ferħ u serħan.

Xtaq kieku l-poeta Malti jifraħ imma fid-dinja l-hemm hu kbir wisq biex iħallih jagħmel hekk. Id-dwejjaq għelbu l-ferħ, għalhekk jixtieq jitlob maħfra lill-Ġesù għall-bnedmin kollha.

Il-poeta jfakkar fiż-żmien meta l-bnedmin ma kinux jemmnu li teżisti ħajja oħra wara din u meta kienu jemmnu u ma kinux jaslu biex jifhmu x'jiġri wara l-mewt.

It-tnejn inqdew bi kliem Alla fil-mistoqsijiet li għamel lil Ġobb biex ifiehmu li l-bniedem mhux għaref u setgħan daqsU.

Fil-waqt li Milton jissellifhom biex igħid li qatt ma nstema' daqq ħelu mill-ħolqien sa meta twieled Kristu

*"Such music (as 'tis said)*
*Before was never made*
*But when of old the sons of morning sung."*

Il-qassis-poeta imma jqiegħed kliem il-Mulej ġo fomm il-bniedem pagan li jistaqsi lilu nnifsu u lil min hu bħalu x'jaf fuq il-ħolqien u n-natura u meta l-bniedem ma jweġibx għax ma jifhimx, iwaħħal f'rasu dak li għallmu Epikuru li l-poeta ġabru f'dawn il-versi :

*"Oħroġ mela l-inbid li għandek, għaref*
*tassew, sejjaħ madwar il-mejda mżejna*
*b'kull ġid xebbiet u żgħażagħ, u kul u ixrob,*
*sakemm jisfa mir-ras kull ħsieb ta' dwejjaq."*

Dan kien it-twemmin qabel il-miġja ta' Ġesù li miegħu twieldet l-imħabba u l-maħfra jekk il-bniedem jindem u jitlob hielu.

Għall-bniedem pessimista li jaqta' jiesu mill-ħniena t'Alla, il-poeta jwiddbu jqim 'l Alla tarbija. Ikompli jħeġġeġ

*"Itilqu, ja bdiewa,*
*għal ħdejh,*
*fuq raskom iqiegħed*
*idejh."*

Milton minn flok jurina dan il-kwadru tar-ragħajja

*"The Shepherds on the lawn*
*Or o'er the point of dawn*
*Sat simply chatting in a rustic row;*
*Full little thought they then,*
*That the mighty Pan*
*was kindly come to live with them below;*
*Perhaps their loves, or else their sheep,*
*Was all that did their silly thoughts so busy keep."*

L-idija li Kristu hu dawl qawwi li jixgħel fuq id-dlamijiet tad-dinja jagħtuhielna ż-żewġ poeti :

(Milton)— *"He saw a greater sun appear*
*Than his bright throne, or burning axletree, could bear."*
(Cuschieri)—*"...fuq id-dlam tad-dinja,*
*dehret, kif xtaqu tant misserijietna,*
*Ix-Xemx tal-Haqq."*

It-tnejn jerġgħu jaqblu li s-Saltna ta' l-allat spiċċat malli twieled Kristu.

(Cuschieri)—"...*aħarbu*
*egħdewwa kiefra: ġietna*
*sa fl-aħħar u qatt iżjed ma tħallina*
*Il-Qawwa li tifdina.*"

u

(Milton)—"*Nor all the gods beside,*
*Longer dare abide...*
*Our babe to show his Godhead true,*
*Can in his swaddling hands control the damned crew.*"

It-tnejn igħidu li fil-Milied reġgħu lura għad-dinja, il-Ħaqq, u s-Sewwa. Imma Milton iżid

"*But wisest Fate says no,*
*This must not yet be so.*"

għaliex, igħidilna, Kristu biex jifdi d-dinja jeħtieġlu jduq l-imrar tal-ħajja u jmut fuq is-Salib għall-Fidwa tagħna u l-glorja tiegħu.

Milton jibda l-ewwel strofa billi jsemmi li l-profeti għannew il-miġja ta' Ġesù li jitwieled minn Xebba nisel ta' David. Igħid li ħalla s-Saltna tas-Sema biex sar bniedem Feddej tal-bnedmin. Cuschieri jispiċċa biex igħid dan kollu u jgħid li isem Betlem ma jmut qatt.

Milton itemm l-odi tiegħu bħala poeta. Igħid li t-tarbija raqdet mgħassa mill-Madonna, mill-kewkba ġdida ta' Betlem u mill-kori ta' l-Anġli; għalhekk jeħtieġlu jtemm il-għanja tiegħu. Il-poeta tagħna, Patri Karmelitan, jagħmel talba bil-ħerqa lil Omm Sidna. Jitlobha tħenn għall-bnedmin, twaqqaf iċ-ċarċir tad-demm mingħajr ma tgħid lill-Imħallef Imqaddes imma mill-mogħdrija tagħha ta' Omm l-Insara tħenn u tbierek.

---

**Id-dinja qadima tinsab imfarrka; li wieħed jara minn dan it-tħarbit titwieled dinja ġdida, aktar f'saħħitha, immexxija minn liġijiet aħjar, aktar jaqblu man-natura tal-bniedem: din hi x-xewqa tan-nies imdejqa tad-dinja.**

(Mill-messaġġ bir-radjo tal-Papa Piju XII
fl-1 ta' Settembru, 1944).

# ƬAGHLIM MIS-SAFAR

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

KEMM-IL darba toħroġ mill-fomm ta' bosta minna x-xewqa li noħorġu għal ftit miċ-ċokon ta' gżiritna biex inqabblu l-ħajja li jgħixu n-nies ta' artijiet oħra mal-ħajja magħluqa u marsusa li ngħixu aħna. Għax il-bniedem donnu jrid jaf u jara dejjem il-ġdid, l-aktar meta jkun jaf li t-triq biex jaqta' xewqtu hija miftuħa quddiemu.

Imma, b'xorti ħażina, bosta minn dawk li jwarrbu minn Malta ma jifhmux il-ġid li jistgħu jagħmlu lil art twelidhom fiż-żmien li jgħaddu bogħod minnha. Bosta jsiefru bix-xewqa biss li jitgħaxxqu b'xi ġmiel li artna ma tatniex, oħrajn biex jaqilgħu l-għajxien jew, kif igħidu huma, biex jistagħnew bil-ġid li hemm f'artijiet oħra. Issib ukoll min jitlaq għal ftit żmien biex ma jarax dejjem quddiemu l-istess uċuħ u jkun jista' jgħix qalb nies li ma jafuhx u lanqas jieħdu ħsiebu.

Ftit tassew huma dawk li fis-safar jaraw mhux biss il-ġid tagħhom infushom imma l-ġid ta' pajjiżhom ukoll. U barra li ma jagħmlux ġid, jista' jiġri wkoll xi drabi li dawk li ma jqisux il-ġieh ta' artna, meta jsibu ruħhom f'artijiet oħra, iwaqqgħu l-għajb fuq pajjiżna bl-imġiba ħażina tagħhom. Għax huma ma jaħsbux li n-nies tan-nazzjon fejn ikunu jibqgħu bil-fehma dwar il-ħajja u l-imġiba tal-poplu Malti fuq dak li jilmħu fl-imġiba ta' dawk il-ftit Maltin li jmorru jgħixu fosthom; u dan sewwasew kif naħsbu aħna fuq in-nies ta' nazzjonijiet oħra mill-imġiba ta' dawk il-barranin li jgħixu fostna.

Imma kull min isiefer m'għandux biss iqis li ma jtabbax il-ġieh ta' art twelidu; jeħtieġ ukoll li mill-artijiet l-oħra nġibu f'artna dak kollu li jista' jkun ta' ġid għall-poplu tagħna. Dawk li jitilqu minn Malta biex iżidu l-istudju tagħhom fl-universitajiet ta' pajjiżi oħra qatt ma għandhom iwarrbu minn moħħhom il-ġid kbir li Malta tistenna minnhom meta jerġgħu fi ħdanha. Huma li jridu jsawru u jgħollu l-qlub u l-imħuħ tal-poplu tagħna qatt ma għandhom iħarsu lejn il-missjoni tagħhom, kbira u nobbli fil-ħajja tal-bniedem, bħala għajn ta' qligħ ta' flus; u tkun ħaġa sabiħa tassew, u fl-istess ħin ta' ġid kbir għal pajjiżna, kieku dawn li jiġu minn barra jirnexxilhom ixerrdu fost sħabhom l-oħra, li bħalhom ma setgħux iħallu dil-gżira, dak it-tagħ-

lim u dik il-perfezzjoni li ħadu minn barra għall-ġid tal-poplu tagħna.

B'danakollu m'hemmx għalfejn tkun professjonista biex mis-safar tagħmel il-ġid lil pajjiżek. Minn nazzjonijiet oħra nistgħu nitgħallmu ħafna. Hi ħasra kbira li ġewwa pajjiżna d-drawwiet ħżiena tal-barranin jidħlu wisq aktar bil-ħeffa minn bosta ħwejjeġ sbieħ u tajbin li jistgħu jkunu ta' ġid u ta' ġieh għall-poplu Malti. Kemm niftaħru bil-ġmiel ta' l-arti li naraw f'pajjiżi oħra! Imma kemm huma ftit dawk li jitħajru jżidu l-ġmiel artistiku ġo pajjiżna? Ma nistennewx li nġorru l-Etna ġewwa Malta jew li naħslu lil artna bl-ilmijiet tat-Tevere jew tad-Danubju. Hemm bosta ħwejjeġ sbieħ li swew is-sabar u iż-żmien lin-nies ta' nazzjonijiet oħra u li aħna wkoll nistgħu nagħmluhom. Meta tara dawk il-monumenti, dak il-ġmiel ta' arkitettura, il-bini tad-djar, it-taqsim tat-toroq u tal-ġonna u bosta ħwejjeġ oħra li jolqtuk bi ġmielhom, tħoss fuq wiċċek, bla ma trid, il-fawra tal-mistħija għan-nuqqas ta' ħeġġa fil-poplu tagħna f'dak kollu li jista' jżejjen u jgħolli fil-ġieh lil pajjiżna. U dan in-nuqqas ta' ħeġġa donnu jissieħeb ma' dak in-nuqqas ta' ġieh u ta' qima mill-poplu tagħna lil dawk il-magħżulin fost l-ulied ta' dil-gżira li bil-ġenju u bil-ħila tagħhom kisbu ġieh kbir għal Malta. Fuq dan in-nuqqas il-poeta tagħna Dun Karm, waqt li jagħti t-tifħir lil wieħed fost l-ulied l-aktar qalbiena ta' gżiritna, jitnikket li l-ebda tifkira xierqa ma waqqafna għalih, u jiġih il-biki meta jara

"kemm kienet xħiħa
miegħek din l-Art li int ħabbejt fis-sewwa".

Jeħtieġ li nifhmu tajjeb li kull wieħed minna jagħmel sehem minn poplu wieħed, poplu ċkejken imma qalbieni li sa minn dejjem ħabrek u ġġieled biex iżomm sħiħ dak kollu li jagħżilna mill-popli l-oħra. Jeħtieġ li jkollna dak il-patrijottiżmu li ħeġġeġ u qanqal lil missirijietna f'kull taqbida għall-ħelsien u għall-jeddijiet tagħna. Imma biex ikollna t-tilqima tal-patrijottiżmu, irridu nwarrbu minna, 'il bogħod kemm jista' jkun, iż-żewġ egħdewwa, l-egoiżmu u l-injoranza, li rabbew għeruq ħoxnin fil-poplu tagħna. Jeħtieġ li ngħallmuh lill-poplu tagħna biex ma nkunux anqas minn ħaddieħor fl-edukazzjoni u fis-sentimenti sbieħ u għoljin li jagħmlu ġieh lin-nazzjon u jnisslu tassew il-hena u l-progress fost il-poplu.

Kull min kellu x-xorti li jsiefer u tgħallem xi ħaġa li tista' tkun ta' ġid għal pajjiżna m'għandux iħalliha sejra mar-riħ. Bosta minn dawk li siefru tismagħhom jiftaħru bl-imġiba tajba tal-barranin, bis-serjetà tagħhom waqt ix-xogħol, bil-mod li jkellmuk u bl-interess li jieħdu biex jaqduk fil-ħtiġiet li jkollok, l-iżjed fid-dipartimenti ċivili, bis-sistemi ta' organizzazzjoni f'kull ħidma li ssir, bis-sehem li jieħu l-poplu fl-indafa tat-toroq u tal-ġonna. X'hawn minn dan kollu li aħna ma nistgħux nagħmluh hawn Malta wkoll? Jeħtieġ biss li aħna lkoll ikollna dik l-imħabba lejn pajjiżna f'kull ma nagħmlu u f'kull ma ngħidu. Bosta jaħsbu li l-patrijottiżmu jista' biss jintwera bil-qawwa ta' l-armi u li għalhekk huwa biss dmir għas-suldat. Min jaħseb hekk qatt ma hu ta' ġid għal pajjiżu u lanqas, għalhekk, ma għandu jgħodd ruħu b'wieħed fost il-poplu tagħna bil-ġieh u l-kobor tiegħu f'għajnejn il-barranin.

---

# NISEL IL-KLIEM

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 185-187)*

*IMBATT*: Kif igħid Caruana fid-dizzjunarju tiegħu dan hu "żiffa ħafifa, li tiffriska l-arja fil-ġranet tas-sajf", u skond Falzon "baħar imqalleb miż-żiffa". Dessoulavy ma jagħtihiex dil-kelma. Barbera jġibha mill-Isqalli *mi batti*, "tolqotni, issawwatni", tifsira mġebbda. Għalkemm fil-Għarbi nsibu l-verb *batta* (*t* alveolari) li jfisser "frapper, battre" (Beaussier), għamla li kienet taqbel ma' *mqass* mill-verb *qass*, madankollu l-kelma Maltija, bħal kliem ieħor tal-baħħara, ġejja mill-Isqalli *imbatti* (Latin *imbattuere* "pro Tropaei, -orum"; jiġifieri "rjieħ tal-baħar li jonfħu fuq l-art", kelma mogħtija minn Scobar imsemmi minn Giacomo de Gregorio fi *Studii Glottologici Italiani* (Vol. 7). Qabbel ukoll *mbattiti* u *mmattiti* li skond Mortillaro "in marineria dicesi ad una sorta di vento periodico, in alcuni in tempo d'estate. Imbatto".

*LAJMA LAJMA*: Avverbju. "Bil-qajla l-qajla". Mill-użu tidher li daħlet fil-Malti mill-Isqalli *lieme lieme*, Falzon *lemme lemme*. Imma jista' jkun li għandha x'taqsam ukoll mal-Għarbi *lawma*, "dewmien". Qabbel l-Għarbi *talawwam* "to linger".

Ġ. Aquilina.

# RECENSJONIJIET

Guži Mallia: **MILL-IMRAR GHALL-HLEWWA** — Progress Press, 1946, pp. 122.

MALLI ftaħt il-ktieb ta' Guži Mallia u rajt li *Mill-Imrar għall-Hlewwa* fih mhux novelli biss, bħalma hemm fuq il-qoxra, imma poeżiji wkoll, bħal deherli li m'għamilx sewwa ma qalilniex li ġabar il-poeżiji wkoll. Imma mbagħad bdejt naqra u bqajt naqra sa ma spiċċajtu. Ngħidha kif inħossha, wara li għalaqt il-ktieb, għedt bejni u bejn ruħi li lil Mallia għandna nassoċjawh iktar mal-kitba ta' novelli milli ta' xi xorta oħra ta' kitba.

B'dan irrid infisser li għall-kitba tax-*short story* Mallia jinqala'. It-teknika tan-novella jafha sewwa; il-bini tal-ġrajja jitla' quddiemek bla ma tinduna. Għalkemm biċċa minnhom huma *long short stories*, il-qarrej malajr jintebah li la fihom kliem żejjed, la inċidenti qegħdin hemm biex jimlew biss u lanqas deskrizzjonijiet twal ta' fattizzi u ta' karattru ta' dan jew ta' dik li soltu jieħdu ħafna wisa'. F'lok dawn Mallia jagħtina biss ftit daqqiet ta' pinna li bihom hu jurina li jrid u lilna jħallina naħsbu li rridu .

Għall-kuntrarju ta' 99 fil-mija tal-kittieba l-oħra tal-Malti Mallia jqiegħed il-ġrajja tiegħu barra minn Malta, aktarx f'atmosfera Ingliża, u jurina n-nies b'ismijiet barranin. Li tinqata' minn pajjiżek biex turi l-ħajja f'art oħra, fiha nfisha, hija mertu, imma jkollna ngħidu li l-iktar novelli li ħallewlna togħma tajba f'dan il-ktieb kienu dawk li l-ġrajja tagħhom hija ftit jew wisq marbuta ma' Malta. Għalhekk jidhrilna li meta Mallia daħal fl-ambjent tad-dar tal-ħajjata bil-lavranti tagħha kollha jitkellmu fuq in-namrat fin-novella *Gidba Għomorha Twil* jew meta qalilna l-ħolma ta' Eddie Gaucy, *alias* Dwardu tal-Beċċuna, li minn għalih laħaq *Kewkba Maltija f'Hollywood* donnu Joseph Calleja ieħor, tana xogħol aħjar minn meta qagħad igħidilna fuq il-qattiel maħrub qalb is-siġar ta' Wales f'*Ix-Xwejħa Mxajtna* jew fuq l-imħabba ħatja ta' Mr. Fraser. Dan ingħiduh u ntennuh għalkemm teknikament dawn in-novelli huma tajbin daqs id-"detective story" *Żewġ Mufflers* u bla ma rridu nfissru li s-*setting* tas-*short story* jrid ikun lokali li, fil-każ ta' *Atumokra*, ngħidu aħna, qatt biss ma jgħaddielna minn rasna.

Kollox ma' kollox, sewwa qal Karmenu Vassallo fil-*Kelmtejn Qabel* li "kull min jaqraha (in-novella ta' Mallia) bis-sabar u bid-dehwa, għandu jsib fiha kwadri ta' nies jiċċaqalqu u jitkellmu, drawwiet li għadhom ma metux, passjonijiet u virtujiet li wieħed iġarrab saħansitra fih innifsu." Tajjeb wisq! *Li wieħed iġarrab saħansitra fih innifsu*! Għalhekk aħna jidhrilna li ma kienx hemm għalfejn jeħodna 'l bogħod 'il bogħod fir-raħal ċkejken fil-Galles ta' Nofs in-nhar, jew fil-*farm* imwarrba ta' Mr. Riley biex igħidilna bi ġrajja li naraw madwarna għaddejja, minn għala nies oħra, l-istess ġrajja b'karattri differenti donnhom l-istampi dejjem jinbidlu li nqiegħdu fi gwarniċ qadim. Imqar fin-novelli hemm dik ix-xi ħaġa fl-atmosfera li tagħżel dak il-pajjiż minn ta' ieħor. Għalhekk jinġab-

ru fi ktieb għalihom li *Scandinavian Short Stories* jew il-*Modern Irish Short Stories* għax kieku ma kenux jirriflettu l-karatteristiċi lokali tal-pajjiż fejn inkitbu, ma kienx ikun hemm bżonn ta' għażla fl-isem. Jidhrilna li dan li ried igħid, għalkemm qalu b'ħafna tiġbid u tidwir, Karmenu Vassallo meta fisser il-għaliex "xi ħadd għandu mnejn ixomm kemmxejn riħa Ingliża fin-novelli Malliani."

Il-ktieb stampat tajjeb u l-format tiegħu sabiħ, imma fih xi żbalji ta' l-ortografija li, irqaqat kemm huma rqaqat, huma wkoll fondamentali. L-iktar li qed ingħid għal dawk il-kliem fejn ikollhom l-*n* qabel il-*b* jew *p* li jsemmgħu l-ħoss *mb* imma jridu jinkitbu *nb*. Għalhekk mhux *stembħet* (p. 14), *qampiena* (p. 14), *jimbaħ* (p. 25), jew *ġembha* (p. 25). Mill-kliem li dehrilna li sawwar Mallia ma għoġbuniex l-aġġettivi f'*il-ġamar sħajnin* (p. 13), il-waqt *ġrajjuż* (p. 87); imma mbagħad laqtuna xi frażijiet idjomatiċi mill-iktar, ngħidu aħna ,*kien u kollox sa jitlaq* (p. 117), fejn dik l-*u* li tidħol fi frażijiet oħra bħal *kulħadd u xortih*, *mar u jiekol*, għandha xi tifsira li l-grammatiċi tagħna għad iridu jgħidulna.

Qabel nagħalqu, nistqarru li minn dawn in-novelli maqtugħin minn ġnien qalbu, Mallia, bla ma jgħidilna, għaraf

> *"Għaqqad l-isbaħ wardiet f'bukkett li jsaħħar*
> *Għall-Ilsien Malti b'għelm ta' ħbiberija."*

G. C. P.

P. Valentin Barbara: **IL-QRARIET TA' SANTU WISTIN.—** L-Ewwel Ktieb—A.C. Aquilina & Co.

Hsieb u xogħol tassew sabiħ kien dak ta' P. Valentin Barbara O.P., li jaqleb għall-Malti l-*Qrariet ta' Santu Wistin* li, mindu nkitbu sal-lum, baqgħu jinqraw b'ħerqa, ħeġġa u qima mill-ġnus kollha tad-dinja. Dan il-ktieb, barra li hu wieħed mill-aqwa kotba reliġjużi tad-dinja, huwa wkoll magħdud bħala wieħed mill-ikbar klassiċi tal-qedem.

L-awtur ħaqqu tifħir għall-ħila li wera fit-traduzzjoni biex irodd f'ilsienna mhux biss il-ħsieb imma wkoll l-istil u l-atmosfera ta' l-oriġinal.

Nistennew il-bqija ta' l-opra bil-ħerqa.

G.A.

# FUQNA U MA' DWARNA.....

L-"GHAQDA VIRĠILJU" li twaqqfet dan l-aħħar minn membri ta' l-Università Rjali, għalkemm mhux bħala biċċa mill-Università, qiegħda tagħmel serje ta' taħditiet dwar il-kultura klassika. Il-President tagħha huwa l-W.R. Kan. Prof. E. Coleiro, B.A., D.D., B.L.Can., u s-Segretarju Onor., is-Sur F. Montanaro Mifsud. Għalkemm nafu li din l-GHAQDA qatgħet li l-ħidmiet tagħha jistgħu jsiru kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, nittamaw li jsiru xi ħidmiet b'ilsien art twelidna, ġaladarba din l-GHAQDA trid ixxerred it-tagħlim tal-qedem fost il-poplu Malti kollu. Din l-GHAQDA hija Fergħa tal-"VIRGIL SOCIETY" ta' l-Ingilterra.

Is-Sur G. Saliba, Segretarju Onor. tal-Fergħa Drammatika tal-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA'), dan l-aħħar ġie maħtur it-tieni Segretarju Onor., tal-MALTA DRAMA LEAGUE. Nittamaw li dan il-korp, imħeġġeġ mis-Segretarju l-ġdid, ikun jista' jgħaddi 'l quddiem fit-twettiq tax-xewqa ta' Palk Malti serju, mibdi mill-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA') fid-19 ta' Marzu 1946, meta pprezentat is-SENGHA TA' L-IMHABBA ta' Ġ. Pisani fir-Radio City Opera House.

Il-Membri tal-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA') fl-Assemblea Nazzjonali għas-sena 1946 baqgħu bħal ma kienu fl-1945, i.e., K. Busuttil B.Sc., B.E. & A., A. & C.E., O.J. Gulia, B.A., L.P., u F. Saliba B.Sc., Ph.C.

Is-Sur J. Galea, B.Sc., L.P., Segretarju Onor. ta li SPORTS CLUB ta' l-Università Rjali, reġa' kien maħtur għal dik il-kariga għas-sena 1946-47. Fih li SPORTS CLUB sab wieħed mill-aqwa ħaddiema tiegħu.

Ir-Rev. Dun K. Sant, B.A., B.D., Segretarju Onor. tal-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA') fis-sena 1941-42, kien wieħed miż-żewġ gradwati li ħadu l-grad Lic.D., f'Ottubru li għadda. Il-gradwat l-ieħor kien ir-Rev. R. Cirillo, B.A., B.D.

Fost il-gradwati tobba kien hemm is-Sur Anton Agius Ferrante, Ph.C., li ma' tul il-kors tiegħu fl-Università Rjali kien dejjem membru fil-Kumitat tal-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA'), l-ewwel bħala Kaxxier (1940-1943) u mbagħad bħala Viċi President (1943-1945).

Ħafna studenti qegħdin iħossu l-ħtieġa ta' kattedra ta' tagħlim ta' l-Istorja Maltija. Meta nifhmu li l-biċċa l-kbira ta' l-Universitajiet barranin kollha għandhom kattedra ta' l-istorja ta' pajjiżhom, malajr inkunu nistgħu naqblu ma' l-istudenti Maltin li jixtiequ jitgħallmu l-istorja ta' art twelidhom fid-dawl ta' tagħlim xjentifiku u ma jistgħux. Kattedra bħal din tista' tkun l-ewwel għajnuna biex tinkiteb l-istorja soċjali tal-ġens Malti, mill-MSS. li hemm fil-Bibljoteka tal-Belt.

B'sogħba kbira nħabbru l-mewt tat-Tabib A. Tanti, li ta' 25 sena, ftit jiem wara li ħa l-lawrja waqa' taħt il-ħakma qerrieda tal-mewt. Lill-qraba u lill-ħbieb kollha tiegħu nagħtu l-għomor u nixtiequ s-sabar.

# WERREJ TAS-SENA 1946

(Tipi *korsiv* juru poeżiji)


"AESOP" — *Tal-Bon Ton* ... ... ... ... ... ... ... Faċċ. 52
AGIUS M. — *Bomba Atomika* ... .. ... ... ... 107
AQUILINA Ġ. PROF. — Nisel il-Kliem ... ... ... ... 87, 124
*Editorjal* ... ... ... ... ... ... 1, 34, 65, 97
BRIFFA R. DR. — *Jum ir-Rebħ—1945* ... .. ... ... 24
*Ejja, Grigal* ... ... ... ... ... ... 51
*Lil Binti waqt "Air Raid"* ... ... ... ... 74
*Jum ir-Rebħa* ... ... ... ... ... ... 111
BUTTIGIEG A. DR. — *Għajnejn* ... ... .. ... ... 77
CALLEJA A. DR. — Nikola tax-Xlendi ... ... ... ... 6
CAMILLERI DUN FRANS — *Żmenijietna* ... ... ... 50
Tagħlim mis-Safar ... ... 122
CASSAR PULLICINO Ġ.—Kliem u Għidut tat-Tfal ... ... 22, 53, 83
CHETCUTI ĠUŻE'—Ġużè Muscat-Azzopardi ... ... ... 89
CREMONA A. — *Lis-Sunett* ... ... ... ... ... ... 52
CUTAJAR L. — Għar il-Kbir ... ... ... ... ... ... 19
DUN KARM — *Lil Santa Monika* ... ... ... ... ... 17
*Lill-Bandiera Maltija* ... ... ... ... ... 49
EDITUR — E. B. Vella ... ... ... ... ... ... 33
ELLUL LOUIS — *Mera ta' Qlib mill-"Kummiedja Divina" ta' Dante Alighieri* ... ... ... ... 42
*Silta mill-"Kummiedja Divina" ta' Dante Alighieri* ... ... ... ... ... 104
ELLUL MERCER Ġ. — *Habbat, ja Qalb* ... ... ... ... ... 71
GALEA G. V. — *Tħannina* ... ... ... ... ... ... 16
GALEA JOS. — Kif ra Malta Kittieb ta' Gwida ... ... 39
GAMBIN MAURICE — Il-Bomba Atomika ... ... ... 57
GRECH DUN FILIPPU — Il-11 ta' Mejju ... ... ... 46
GULIA WALLACE — *Spes Vitae* ... ... ... ... ... 75
*Imħabba* ... ... ... ... ... ... 116
MIZZI MARCELL — *Il-Bilbla* ... ... ... ... ... ... 18
R. M. B. — *Il-Kelma* ... ... ... ... ... ... ... 108
SALIBA GUIDO — Il-Milied ... ... ... ... ... ... 118
SAYDON PROF. P. P. — Il-Prof. Nikol Zammit, D.D. ... 11
Haxix Ħażin fil-Kitba tal-Malti ... 109
SOLER DR. G. — Il-Bejjiegħ ta' l-Almanakki ... ... ... 59
Il-Koperniku ... ... ... ... ... ... 78, 112
TABONE PROF. P. — Il-Ħsieb Ewlieni jew Fini ta' l-Istat ... 13
THEUMA P. P. — *Hajr* ... ... ... ... ... ... ... 5
VASSALLO K. — "Il-Għid taż-Żgħożija" ta' Ġorġ Pisani ... 25
Fuqna u Ma' Dwarna ... ... ... ... ... ... ... 127
XIBERRAS Kku. TONINU — *Fil-Mewt ta' Bro. Ġorġ* F.S.C. 49
ZARB ADAMI Ġ. — E. B. Vella ... ... ... ... ... 72


**REĊENSJONIJIET**


Ġ. D. — "Melita Invicta" ... ... ... ... ... ... 61
G. Z. C. — "Raġel bil-Għaqal" ... ... ... ... ... 63
"Ġawhra" ... ... ... ... ... ... 63
D. F. C. — "Blanzuni" ... ... ... ... ... ... 64
DUN KARM SANT — Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti ... ... 95
Ġ. C. P. — "Mill-Imrar għall-Ħlewwa" ... ... ... ... 125
G. A. — "Il-Qrariet ta' Santu Wistin" ... ... ... ... 126

# IT-TIENI KONKORS TIJATRALI MALTI (1947)

Il-Għaqda "Bajda-u-Ħamra" tħabbar li sejra tagħmel it-TIENI KONKORS Tijatrali tagħha għas-sena 1947.

## KONDIZZJONIJIET:

1. Il-produzzjoni tista' tkun buzzett drammatiku jew kummiedja b'att wieħed, oriġinali jew traduzzjoni, b'tul ta' mhux inqas minn nofs siegħa u mhux iżjed minn siegħa.

2. L-ebda attur jew attriċi ma jistgħu jidhru f'iżjed minn produzzjoni waħda.

3. Kull kumpannija tista' tidher darbtejn, iżda kull darba b'nies differenti; jistgħu jkunu nisa biss jew irġiel biss f'kull produzzjoni.

4. L-organizzaturi jistgħu jirrifjutaw kull produzzjoni u kull kumpannija.

5. L-organizzaturi jkollhom il-jedd jieħdu passi legali kontra kull kumpannija li, wara li tkun intrabtet, tonqos li tieħu sehem fir-recta li tkun avżata għaliha, mill-inqas, minn ġimagħtejn qabel.

6. It-tijatru, fejn isiru il-produzzjonijiet tal-Konkors, jingħażel u jitħallas mill-organizzaturi.

## PREMJIJIET U DIPLOMI

Se jingħataw seba' premijiet: £14 lill-kumpannija li tiġi l-ewwel fi produzzjoni drammatika; £14 oħra lill-kumpannija li tiġi l-ewwel fil-kummiedja; £8 lill-kumpannija li tiġi t-tieni fid-drammatiku; £8 lill-kumpannija li tieħu t-tieni fil-komiku: erba' premijiet b'kollox, tnejn ta' l-ewwel u tnejn tat-tieni.

£6 lil min jikteb l-aħjar att drammatiku oriġinali; £6 lil min jikteb l-aħjar kummiedja oriġinali; £4 lil min jagħżel u jfisser l-aħjar produzzjoni barranija; it-traduttur għandu jieħu r-responsabiltà tal-*copyright* —jekk ikun hemm. Kittieb ikun jista' jieħu żewġ premijiet.

Min ma jridx flus jista' jingħata oġġetti ta' l-istess valur tal-premju. Mal-premijiet jingħataw Diplomi iffirmati mill-Eżaminaturi u mill-Fundatur tal-Konkors.

## EŻAMINATURI:

L-Eżaminaturi — li jassistu għal kull wirja, flimkien mal-pubbliku— huma: Il-Professur G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), On. A.F. Colombo, B.Sc., M.D., u s-Sur Erin Serracino-Inglott.

**Id-deċiżżjoni ta' l-Eżaminaturi hija finali.**

Kull produzzjoni għandha tinbagħat *bil-Posta* lis-Segretarju, is-Sur N. Biancardi, 65, Triq it-Torri, Sliema, mhux iżjed tard mill-ewwel Ġimgħa ta' Frar 1947, bid-dettalji meħtieġa.

Il-kumpannijiet li jidħlu għall-Konkors jingħataw kull tagħrif permezz ta' korrispondenza privata, ġurnali u Rediffusion.